**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU ĦAMSA U GĦOXRIN**

**12TA' MEJJU, 2026**

**Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq fil-17:30 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, l-Kunsilliera s-Sinjura Marisa D'amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Kyle Mifsud, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut u s-Sur Daniel Muscat.

**SKUŻAT**

-

**ASSENTI**

Il-Kunsillier Jeremy Coleiro

-

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **25.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 25.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **25.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 25.2.1 | | Il-minuti numru 24 ġew approvati. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***25.3*** | | ***Komunikazzjoni mis-Sindku*** |
| | | |
| 25.3.1 | | Is-Sindku qalet li:<br><br>• Fis-6 ta' Ġunju ser issir l-attivita ta' Ġieħ iż-Żurrieq. Is-Sindku pproponiet li jiġu mistiedna bħal dejjem il-President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u l-President tar-Reġjun Punent. Kien hemm qbil li din is-sena jingħataw rikonoxximent.<br><br>• Għal din is-sena ukoll, s-Sindku reġgħet staqsiet lill-Orkestra Żurrieq biex idoqqu waqt din l-attivita, imma s-surmast ma tahx risposta.<br><br>• Is-Sindku qalet li l-car show ma kienetx suċċess u l-Kunsill ħallas madwar elfejn u ħames mija fi spejjeż għal xejn. Ma kienx hemm qbil li terġa issir.<br><br>• Il-Viċi Sindku Natius Farrugia qal li l-ġita ta' Sqallija kellha titħassar ukoll għaliex ma kienx hemm konkorrenza.<br><br>• Is-Sindku qalet li kuntrattur beda jaħdem fi Triq Fra Gammarie Zammit u għamel tabelli biex ir-residenti jkunu avżati li mhux ser ikunu jistgħu jdaħħlu u joħorġu l-vetturi mill-garage. Hi tkelmet mal-awtoritajiet konċernati u waqfu x-xogħlijiet.<br><br>• Is-Sindku tkellmet mas-sidien ta' passaġġ li jiġi minn Triq Filippu Farrugia għal fejn is-Salib ta' Triq il-Kbira. Il-prezz li qed jitolbu hu wisq biex jiġi devolut lill-Kunsill.<br><br>• Is-Sindku talbet lil sid l-art vojta fi Vjal l-Indipendenza (fejn ħanut tal-istationery) biex itellgħa ħajt. Ġiet imwegħda li ser jittellgħa l-ħajt mis-sid.<br><br>• Biex isir il-Kunsill News lejn l-aħħar ta' Ġunju biex nawguraw lill-festi tar-raħal. Is-Sindku talbet li r-wirte up ikun għand il-Kunsill sal-aħħar ta' Mejju. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***25.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 25.4.1 | | Il-Kunsilliera Marisa D'Amato tkellmet fuq :<br>• tiġieġ li hemm fi Triq Zakkarija Ronkali u li qed ikunu ta' inkonvenjent kbir għar-residenti. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jieħu azzjoni.<br>• Sar parkeġġ fi Triq il-Luq li affettwa residenti li riedu jipparkjaw – is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fi Triq il-Luq kien hemm spazju ta' vettura waħda u saret parking bay waħda. Il-vetturi kienu qed jipparkjaw f'kantuniera. Żdiedu 3 parkeġġi fl-akwata. |
| | | |
| 25.4.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia :<br>• Fl-attivita tat-12 ta' Ġunju tal- Orkestra Żurrieq ser ikun hemm attività kbira tal-Għaqda Karmelitana u Banda QV.<br>• Jinżabru l-palm u s-siġar ta' quddiem l-iskola<br>• Jitneħħa l-ħaxix selvaġġ fi ġnien ta' quddiem l-iskola.<br>• Jista jkollna kuntratt biex joffrilna l-fjuri fil-ġonna. Is-Sindku qalet li ser tgħid lil-GEB biex iżid il-fjuri fir-roundabouts. |
| | | |
| 25.4.4 | | Il-Kunsilliera Marilyn Sammut qal:<br>• Fi Triq Wied Babu qed jissuġġerixxu li jsiru traffic lights viċin il-proġett ta' Misraħ il-Karmelitani. Ma kienx hemm qbil.<br>• Il-ħanut tal-merċa ta' Triq Wied Babu jrid un/loading bay quddiem il-ħanut tiegħu bil-ħinijiet. Kien hemm qbil li tintalab l-approvazzjoni ta' TM.<br>• Vjal l-Indipendenza k/m Triq Kalanġ Bugeja hemm traffic island b'ħaxix selvaġġ. |
| | | |
| 25.4.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>• Il-ħanut tal-merċa li jinsab fi Triq Bronja, għandu bżonn un/loading bay quddiem il-ħanut. Kien hemm qbil li tintbagħat it-talba lill-TM. |
| | | |
| 25.4.6 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal:<br>• Fi Vjal il-Blue Grotto sar il-wiċċ bit-tarmak u patch minnha għadha ma saritx bit-tarmak.<br>• Triq Karmnu Zammit ukoll hemm parti li parti mit-triq għadha bil-konks minflok tarmak<br>• Fi Triq Filippu Farrugia hemm trinka li saret mill-WSC mingħajr tarmak.<br>• Fi Triq Filippu Farrugia biex isir parkeġġ għall-persuni b'diżabilta. Kien hemm qbil li l-persuna li hi b'diżabilita trid tapplika għall-parkeġġ. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***25.5*** | | ***Rapport Finanzjarju tal-Ewwel kwart tas-sena*** |
| | | |
| 25.5.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena imħejji mill-accountant tal-Kunsill.<br><br>Dan ġie approvat. |
| | | |
| ***25.6*** | | ***Audited Financial Statements*** |
| | | |
| 25.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Audited Financial Statement għadhom mhux lesti. Hi infurmat li l-awditjar din is-sena dam diġà xahrejn u suppost għal seduta għandu jkun finalizzat. |
| | | |
| ***25.9*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.*** |
| | | |
| ***25.9*** | | ***Approvazzjonijiet : Xogħlijiet u Servizzi.*** |
| | | |
| 25.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet:<br><br>• Il-manager fuq skart tar-Reġun Punent staqsa jekk il-Kunsill ikunx interessat li jġib magna tal-BCRS għal waqt il-festi tar-raħal. Ħalli jekk ikun il-każ jiġu ordnati minn issa. Ma kienx hemm qbil li jinġibu dawn il-magni.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li hi xtaqet magni simili biex jintużaw għall-*vouchers* għal *cat cafe*, imma lil min kellmet ma issuġġeriex. |
| | | |
| 25.9.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Dr Bjorn Buhagiar issuġġerixxa li jħalli bott fil-klinika tiegħu biex il-klijenti tiegħu li jkunu jridu r-riċetta *printed* iħallsu donazzjoni għar-raħal tagħhom u tali flus jintużaw biex jinxtraw siġar u jitħawlu fir-raħal. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsietu jekk jaċċettax li minflok jinxtraw siġar, jinxtara ikel għall-qtates tal-Cat cafe fiż-Żurrieq. Għada ser terġa tkellmu wara qbil tal-kunsill fuq din l-offerta. |
| | | |
| ***25.10*** | | ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tar-Reġjun Punent.*** |
| | | |
| 25.10.1 | | Ma kienx hemm minuti x'jitressqu. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***25.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 25.11<br>.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta'€22,115.54<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Dino Bonnici u Kyle Mifsud. |
| | | |
| ***25.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS u TAL-LAQGĦA ANNWALI*** |
| | | |
| 25.12<br>.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-19:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 10 ta' Ġunju, 2026 fil-6:00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' Ġunju, 2026

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**